# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 563/2013**

Il-Pulizija

(Spettur Dennis Theuma)

vs

**Melvin Demicoli**

iben Joseph, imwieled Pieta', fit-12 ta' Ottubru, 1985, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 509785(M)

Illum, 28 ta' Frar, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Melvin Demicoli quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli f'dawn il-gżejjer, matul ix-xahar ta' Ġunju, 2005, kif ukoll matul ix-xhur qabel din id-data:

1. Biegħ jew xort'oħra traffika fir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(b) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Talli fl-istess ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta,

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-4 ta' Dicembru, 2012 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 8(b), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) u l-ewwel proviso ghall-Artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939 u l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet (a) u (b) migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu ghall-piena ta' sitt xhur prigunerija effettiva u multa ta' sitt mitt Euro (€600).

Il-Qorti ordnat d-distruzzjoni tad-droga u/jew l-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, Dokument DT, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant Melvin Demicoli pprezentat fit-18 ta' Dicembru, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tikkonfermaha in kwantu sabet lill-imputat hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu u tirriformaha in kwantu ghal piena, billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern skont il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi bir-rispett l-esponenti jikkontendi li l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Onorabbli Qorti *falls one step short from delivering justice*. Tant li l-istess apprezzament tal-provi wassal sabiex l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet enuncjazzjoni zbaljata tal-ligi tant li wasslet sabiex il-piena mposta fuq l-esponenti, hija bil-bosta oneruza, meta mqabbla "mas-serjeta` ta' dan il-kaz".

Dan qieghed jinghad stante li filwaqt li l-Ewwel Qorti fehemet kif ic-cirkostanzi attwali mertu tal-kaz kien wiehed ta' "sharing", bir-rispett, jidher li l-Ewwel Qorti skartat dik il-parti tax-

xhieda moghtija mill-espert Mario Mifsud, fejn spjega li sabiex "is-sharing" tal-*joint* ikun possibbli, naturalment xi hadd jrid jixtri l-imsemmija droga.

Dan huwa l-kaz odjern, fejn grupp ta' zaghzagh li kienu qedghin sfortunatament jesperimentaw bil-cannabis, kienu jaqsmu l-istess droga flimkien.

Fl-ebda istanza tal-atti, ma x-xhud Darren Esposito jishaqq li f'xi okkazzjoni li xtara d-droga, huwa ma pejjipx il-*joint* flimkien mal-esponenti.  Dan il-fatt huwa konfermat ukoll *ex admissis* da parti tal-esponenti.

L-Ewwel Onorabbli Qorti filwaqt li kkonkludiet li dan il-kaz huwa ta' *trafficking by sharing*, fl-istess istant a bazi tas-sentenza "il-Pulizija v. Marco Galea", minnha citata, ikkonkludiet kif l-esponenti meta huwa [skond Darren Esposito] thallas Lm1 ghal *joint*, [minkejja li dan l-istess *joint* gie *shared* mil-grupp kollu ta' hbieb, inkluz mill-esponenti], l-bejgh minn id l-appellant ghal ghand Esposito huwa proprju l-bejgh ai fini ta' traffikar u dana stante li mal-hlas dak il-*joint* ma baqghax ta' l-esponenti izda gie ta' Esposito.

Bir-rispett, l-esponenti ma jaqbilx ma' din il-konkluzzjoni.  Il-cannabis ikkunsmata minn dan il-grupp ta' zaghzagh, kienet proprjeta` tal-klikka kollha. Dan jinghad stante li l-istess Mario Mifsud jishaq kif ai fini tal-kultura ta' *sharing*, necessarjament jenhtieg li jingab il-*joint* minn x'imkien sabiex dan jkun jista` jitpejjep.

Mil-banda l-ohra, l-esponenti jqis li Ewwel Qorti, ikkonkludiet b'mod legalment inkorrett, il-hlas ta' Lm1 fit-termini legali tax-xiri u bejgh u b'hekk il-pussess tal-oggett u t-titolu tal-proprjeta` tghadda ghal ghand Esposito minghand l-appellant.

Bir-rispett pero` dan ma huwiex il-kaz, stante li x-xhieda ta' Esposito hija cara u univoka li dan il-hlas ta' Lm1.00 huwa ekwiparabbli mhux ma' xiri u bejgh bhal ma jishaqq il-Codici Civili, izda huwa ekwiparabbli biss ma' <u>*sharing* tal-ispejjes inkorsi da parti tal-esponenti</u>.
Kieku l-ownership tal-*joint* skond l-Ewwel Qorti tghadda ghand Esposito a bazi tal-konkluzzjoni taghha, u l-istess Esposito imbghad wara li jixtri l-istess *joint* jaghtieh lill-esponenti sabiex

jikkonsmah huwa ukoll, qisek qieghed tghid li ghandek persuna A li qedha tixtri dar minghand persuna B, pero` minflok ma persuna B tohrog il-barra mil-fond, l-istess persuna B tibqa tghix fid-dar ma' persuna A u tikkonsma s-servizz ta' dawl u ta' ilma, daqs li kieku dik id-dar ghadha ta' persuna B, a spejjez ta' persuna A! Naturalment fil-hajja ma jigrix hekk. Il-buon sens jiddetta mod iehor.
Il-hsieb li bniedem talvolta jista` jkollu, li f'ambjent ta' ksur ta' ligi, l-metodu li bih jsiru l-affarijiet, huwa differenti min dak li jigri fil-hajja ta' kuljum f'amibtu legali, huwa qarrieqi ghall-ahhar u perikoluz. Min qieghed jikser il-ligi, jghix f'ambitu legali u naturalment huwa kkondizzjonat li jagixxi bl-istess metodi fl-agir illegali tieghu.

Il-Qorti naqset f'dan l-isfond li tgharraf kif effettivament dan il-grupp ta' hbieb hekk kienu "jiehdu gost". Jekk xi hadd jahseb li l-appellanti huwa l-huta l-kbira ta' traffikant, bir-rispett huwa zbaljat.

Ix-xhieda ta' Darren Esposito, ma tistax ma tinfthiemx b'mod wiehed, u wiehed biss, ossia li effettivament huwa u l-appellant, flimkien mal-membri l-ohra ta' din il-klikka kienu ta' tfal li kienu, qedghin jesperimentaw b'mod zbaljat, ilkoll flimkien mal-cannabis. *They were all on an equal footing*. Kollha hbieb, ben konxji ta' x'kienu qedghin jaghmlu lkoll flimkien u xejn aktar.

Huwa proprju f'dan il-kuntest li l-esponenti jishaqq li l-gharbiel tal-provi fil-kaz odjern kellu jsir b'mod li jista` jkun hemm gustizzja vera, gustizzja hajja li tirrifletti s-sitwazzjoni tal-kaz fil-bandli ta' Haz-Zabbar f'Gunju, 2005 u x-xhur ta' qabel, sabiex b'hekk l-istess Qorti setghet tapplika l-proviso ghas-subartikolu (9) tal-artikolu 22 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex b'hekk bis-sahha tas-sub-artikoli (8) u (9) tal-istess artikolu tal-ligi, tkun tista` tittratt mal-esponenti b'piena ferm differenti minn dik ta' prigunerija effettiva.

Dan qieghed jinghad stante li:

a. meta jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz l-ammont u x-xorta tal-medicina in kwistjoni, ma hemmx dubbju li l-konsum tal-cannabis mertu ta' dan il-kaz, huwa konsum li kien jsehh fl-istess hin,
b. l-ammont tal-cannabis mertu tal-kaz huwa wiehed irrizorju

c. di piu` tenut kont li l-esponenti fiz-zmien tal-kaz kellu 19-il sena u sabiex dan il-kaz inbeda dam jistenna 3 snin [l-akkuza tirrisali ghas-sena 2005, il-proceduri inbdew 2008 u decizi mil-Qorti tal-Magistrati 2013],
d. tenut kont ukoll tal-fatt li l-esponenti huwa *a first time offender*, u li effettivament lanqas ma ghandu xi kawzi ohra pendenti,
e. tenut kont tal-hajja stabbli li huwa ghandu b'impjieg fiss u hajja regolari u tajba,

il-piena inflitta fuq l-esponenti certament ma tistax tkun aghar!

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan il-kaz kellu l-bidu tieghu fix-xhar ta' Gunju tas-sena 2005 meta l-pulizija ghamlu raid fil-playing field ta' Haz-Zabbar u arrestaw lil diversi guvintur fosthom l-appellant. Fil-karozza tieghu sabu xi bicciet droga suspettati resina tal-cannabis. Fil-kors ta' l-investigazzjoni l-appellant rilaxxa stqarrija lill-pulizija. Din l-istqarrija giet mehuda fl-1 ta' Lulju, 2005.

Illi l-ewwel Qorti kienet iddecidiet li ma tiskartax l-istqarrija ta' l-istess appellant.

Illi llum il-pozizzjoni ta' persuna li tirrilaxxa stqarrija minghajr l-assistenza ta' l-avukat giet kristalizzata fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza: "The Republic of Malta v. Chukwudi Samuel Onyeabor" tal-1 ta' Dicembru, 2016. Konsegwentement, l-istqarrija li giet rilaxxata mill-appellant fl-1 ta' Lulju, 2005 mhiex ser tigi mehuda in konsiderazzjoni minn din il-Qorti. L-istess ghandu jinghad ghall-istqarrija ta' Darren Esposito tal-1 ta' Lulju, 2005 li tinsab in atti.

Illi minn analizi mill-gdid tal-provi prodotti ma hemm ebda prova li s-sustanza misjuba fil-karozza tal-appellant hi wahda kontra l-ligi. Ma saret ebda prova minn ebda espert li s-sustanza elevata mill-pulizija hi wahda kontra l-ligi. Wisq anqas gie stabbilit il-valur tas-sustanza in ezami.

Illi min-naha l-ohra jirrizulta li l-guvintur kienu qed ipejpu l-cannabis kollha flimkien u dan il-fatt jaghti lok ghal kuncett ta' sharing. Jirrizulta wkoll li dak in-nhar kien l-appellant li pprovda d-droga in ezami.

Illi ma hemm ebda dubju li f'kazijiet bhal dawn il-kuncett ta' sharing hu applikabbli u gie introdott fis-sistema taghna fis-sena 2006. Dan il-fatt igib tibdil radikali fl-applikazzjoni tal-piena f'kazijiet bhal dawn. Naturalment, is-sistema guridiku taghna jimponi li l-appellant ghandu jibbenefika mill-piena l-aktar favorevoli.

Illi llum il-fedina penali tal-appellant hi wahda netta, qed jahdem regolarment u ghandu hajja familjari stabbli.

Ghaldaqstant, tikkonferma fil-meritu s-sentenza apellata. Dwar il-piena, wara li rat il-proviso ghas-subartikolu (9) tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, tilqa l-appell ta' Melvin Demicoli, thassar u tirrevoka l-piena erogata u minflok tillibera lill-appellant taht l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.